

Brussell, 13 ta' Novembru 2025
(OR. en)

Fajl Interistituzzjonali:
2025/0222 (COD)

14944/1/25
REV 1

EDUC 417
JEUN 224
SPORT 45
SOC 729
COMPET 1113
DIGIT 220
ENV 1161
CADREFIN 305
FIN 1320
IA 174
CODEC 1713

NOTA

minn:	Presidenza
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-programm Erasmus+ għall-perjodu 2028-2034, u li jħassar ir-Regolamenti (UE) 2021/817 u (UE) 2021/888 <i>- Rapport ta' progress</i>

I. INTRODUZZJONI

1. Fis-16 ta' Lulju 2025, il-Kummissjoni adottat proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-programm Erasmus+ għall-perjodu 2028-2034, u li jħassar ir-Regolamenti (UE) 2021/817 u (UE) 2021/888. Ir-Regolament propost għandu l-għan li jistabbilixxi s-suċċessur tal-programm Erasmus+ 2021-2027, filwaqt li jgħaqqad żewġ programmi tal-Unjoni: l-Erasmus+ u l-Korp Ewropew ta' Solidarjetà.

L-objettiv ġenerali tal-programm il-ġdid, kif identifikat mill-Kummissjoni, huwa li jikkontribwixxi għal Ewropa reżiljenti, kompetittiva u koeżiva billi jippromwovi tagħlim tul il-ħajja ta' kwalità għolja, itejjeb il-ħiliet u l-kompetenzi għall-ħajja u għall-impjiegi għal kulħadd, filwaqt li jrawwem il-valuri tal-Unjoni, il-parteciġazzjoni demokratika u soċjetali, is-solidarjetà, l-inklużjoni soċjali u l-opportunitajiet indaqs, fl-UE u lil hinn minnha. Il-programm il-ġdid huwa mħabbar bħala strument ewlieni għall-bini tal-Unjoni tal-Ħiliet, l-iżvilupp taż-Żona Ewropea tal-Edukazzjoni u l-appoġġ għall-implimentazzjoni tal-kooperazzjoni strateġika Ewropea fl-oqsma tal-edukazzjoni u t-taħriġ, inkluż l-aġendi settorjali sottostanti tagħha.

2. Id-delegazzjonijiet laqgħu l-proposta u esprimew l-appoġġ ġenerali tagħhom għall-programm il-ġdid. Huma enfasizzaw il-ħtieġa għal żmien konsiderevoli biex jiġu vvalutati l-impatt u l-konsegwenzi tar-Regolament propost u l-inizjattivi l-ġodda li jipproponi. Taħt il-Presidenza Daniża, il-Kumitat tal-Edukazzjoni ddiskuta l-proposta f'sitt okkażjonijiet (17 ta' Lulju, 8 ta' Settembru, 17-18 ta' Settembru, 8-9 ta' Ottubru, 20 ta' Ottubru u 29 ta' Ottubru 2025). Il-progress li sar jinsab fil-qosor fit-Taqsima II hawn taħt.
3. F'konformità mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 165(4), 166(4) u 214(5) tiegħu, il-Kunsill meħtieġ jaġixxi flimkien mal-Parlament Ewropew, f'konformità mal-proċedura leġiżlattiva ordinarja.
4. Il-Parlament Ewropew ħatar lil Bogdan Andrzej ZDROJEWSKI (PPE, PL) bħala rapporteur għall-fajl.
5. L-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u tal-Kumitat tar-Regġuni għadhom pendenti f'dan l-istadju.

II. IL-ĦIDMA TAL-KUNSILL MATUL IL-PRESIDENZA DANIZA

Il-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Kumitat tal-Edukazzjoni fis-17 ta' Lulju 2025 – il-jum tat-trażmissjoni uffiċjali tagħha lill-Kunsill. F'dik l-okkażjoni, id-delegazzjonijiet kellhom l-opportunità li jgħajmu kummenti u mistoqsijiet preliminari.

Il-Valutazzjoni tal-Impatt li takkumpanja l-proposta ġiet ippreżentata mill-Kummissjoni lid-delegazzjonijiet fit-8 ta' Settembru 2025. Fl-istess okkażjoni, id-delegazzjonijiet analizzawha u ddiskutewha fil-fond, bl-użu tal-lista ta' kontroll indikattiva pprovduta lilhom waqt it-tnejnija għal-laqgħa. Sommarju tal-evalwazzjoni u t-tweġibiet tal-Istati Membri għall-Valutazzjoni tal-Impatt jinsab fl-Anness ta' dan id-dokument.

Peress li r-Regolament propost huwa parti mill-pakkett ta' proposti marbuta mal-Qafas Finanzjarju Pluriennali (QFP), għadd ta' dispożizzjonijiet fit-test li jikkorrispondu għall-elementi li ser jiffurmaw parti min-negozjati orizzontali dwar il-QFP tpoġġew bejn parentesi u għalhekk ġew esklużi mid-diskussjonijiet fil-Kumitat tal-Edukazzjoni. Dawn id-dispożizzjonijiet jikkonċernaw il-premessi 36 u 44, it-tul tal-programm kif imsemmi fl-Artikolu 1 (*Suġġett*), l-Artikolu 9 (*Bagħit*) u l-Artikolu 16.3 (*Informazzjoni, komunikazzjoni u disseminazzjoni*).

Fis-17-18 ta' Settembru u fit-8-9 ta' Ottubru 2025, il-Kumitat tal-Edukazzjoni eżamina r-Regolament propost fl-intier tiegħu (l-ewwel l-artikoli u mbagħad il-premessi). L-għan tad-diskussjonijiet kien li jiġi żgurat fehim aħjar tal-proposta, li tipproponi arkitettura mfassla mill-ġdid għall-programm Erasmus+ (żewġ pilastru ffukati fuq "Opportunitajiet ta' apprendiment għal kulħadd" u "Appoġġ għall-bini tal-kapaċitajiet", li jitbiegħdu mill-istruttura tar-Regolament Erasmus+¹ attwali, li jikkonsisti f'kapitoli ddedikati għal kull settur kopert mill-programm, jiġifieri l-edukazzjoni u t-taħriġ, iż-żgħażaġħ u l-isport, b'kull kapitolu jelenka l-elementi miġbura taħt it-tliet azzjonijiet ewlenin). F'dawn l-okkażjonijiet, id-delegazzjonijiet qajmu l-kummenti u l-mistoqsijiet tagħhom, b'mod partikolari fir-rigward tal-kamp ta' applikazzjoni tal-istruttura l-ġdida tal-programm, in-nuqqas ta' kumitat tal-programm u inizjattivi ġodda, bħall-Alleanzi Kollaborattivi għall-Isport, il-mobbiltà għat-tagħlim għall-atleti u l-boroż ta' studju Erasmus+ foqsmu edukattivi strateġiċi. Il-mistoqsijiet ġew indirizzati mill-Kummissjoni, iżda d-delegazzjonijiet talbu informazzjoni addizzjonali u tweġibiet bil-miktub, li għadhom ma ngħatawx. Intalbet ukoll lista tal-azzjonijiet koperti mill-programm, b'indikazzjonijiet tat-tip ta' ġestjoni prevista (diretta jew indiretta).

L-ewwel test ta' kompromess² ġie abbozzat mill-Presidenza bil-ħsieb tal-laqgħa tal-Kumitat tal-Edukazzjoni fl-20 ta' Ottubru 2025, u t-tieni test ta' kompromess³ ġie prodott għal-laqgħa tal-Kumitat tal-Edukazzjoni fid-29 ta' Ottubru 2025.

¹ Ir-Regolament (UE) 2021/817 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Mejju 2021 li jstabilixxi Erasmus+: il-Programm tal-Unjoni għall-edukazzjoni u taħriġ, żgħażaġħ u sport u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 1288/2013 (ĠU L 189, p. 1).

² 12607/25.

³ 14252/25.

III. KWISTJONIJIET EWLENIN DISKUSSI FIL-LIVELL TAL-GRUPP TA' ĦIDMA

Għanijiet tal-programm

Il-biċċa l-kbira tal-Istati Membri enfasizzaw l-importanza li jkun hemm objettiv ġenerali tal-programm li jippromwovi t-tagħlim tul il-ħajja ta' kwalità għolja u l-iżvilupp individwali, professjonali u personali u l-iżvilupp ulterjuri taż-Żona Ewropea tal-Edukazzjoni (ŻEE). Il-biċċa l-kbira tad-delegazzjonijiet insistew fuq il-ħtieġa li ż-ŻEE tkun il-fokus primarju tal-programm, aktar milli l-bini ta' Unjoni tal-Ħiliet u l-kontribut għal Ewropa reżiljenti, kompetittiva u koeżiva. Il-bini ta' Unjoni tal-Ħiliet kien għadu meqjus importanti, iżda kien meqjus bħala sekondarju għall-iżvilupp taż-ŻEE. Il-prijoritizzazzjoni taż-ŻEE hija wkoll konformi mal-bażi legali tal-proposta.

Proċedura ta' kumitat

Il-biċċa l-kbira tad-delegazzjonijiet ikkritikaw in-nuqqas ta' kumitat tal-programm fil-proposta. Għalhekk, il-Presidenza pproponiet li jerġa' jiddaħħal fit-test l-artikolu tal-proċedura tal-Kumitat tal-programm attwali (l-Artikolu 22a fl-aħħar kompromess tal-Presidenza). Delegazzjoni waħda talbet diskussjoni dwar proċedura estiża għal governanza bbażata fuq proposta li tiffoka fuq il-fatt li l-kumitat tal-programm jiltaqa' f'formazzjonijiet settorjali u li l-programm ta' ħidma annwali jiġi adottat permezz ta' żewġ atti ta' implimentazzjoni separati. Il-proposta ġiet ippreżentata lill-grupp ta' ħidma u ġiet diskussa fil-fond. Filwaqt li xi delegazzjonijiet laqgħu proċedura ġdida b'żewġ atti ta' implimentazzjoni, delegazzjonijiet oħra kienu favur il-preservazzjoni tal-istatus quo jew l-użu aħjar tal-istrutturi eżistenti.

Viżibbiltà tas-setturi kollha koperti mill-programm

It-talba tad-delegazzjonijiet biex tissaħħaħ il-prominenza tas-setturi taż-żgħażaġh u l-isport ġiet indirizzata bid-deċiżjoni li jiġu inklużi żewġ artikoli ġodda fit-test ippreżentat mill-Presidenza (l-Artikolu 4a dwar iż-Żgħażaġħ u l-Artikolu 4b dwar l-Isport). Id-diskussjonijiet dwar kif l-aħjar jiġu riflessi l-azzjonijiet meħuda mill-programm tal-Korp Ewropew ta' Solidarjetà u l-legat tiegħu għadhom għaddejnin.

Relazzjoni bejn il-Kummissjoni u l-awtoritajiet nazzjonali u l-aġenziji nazzjonali

Id-delegazzjonijiet kellhom ħafna mistoqsijiet dwar bidliet fir-Regolament Erasmus+ attwali rigward ir-relazzjoni bejn l-awtoritajiet nazzjonali u l-aġenziji nazzjonali minn naħa waħda u l-Kummissjoni min-naħa l-oħra. Responsabbiltajiet ġodda ssuġġeriti għall-awtoritajiet nazzjonali fil-proposta qajmu wkoll xi kwistjonijiet.

Il-proposta tagħti lill-Kummissjoni l-għażla li titlob li l-proċedura tal-għażla għall-kap ta' aġenzija nazzjonali tiġi ripetuta f'sitwazzjoni fejn ikun hemm tħassib serju dwar il-konformità ma' ċerti prinċipji (il-ħatriet ta' persuni responsabbli għall-ġestjoni tal-aġenzija nazzjonali għandhom ikunu ġġustifikati min-natura tal-azzjoni, għandhom isegwu regoli u proċeduri ġusti u trasparenti u ma għandhomx iwasslu għal kunflitt ta' interess). Il-proposta tipprevedi wkoll kompiti ġodda għall-awtoritajiet nazzjonali (jiġifieri l-appoġġ lill-aġenziji nazzjonali fl-isfruttament tar-riżultati ta' proġetti b'potenzjal għoli ta' impatt u l-forniment ta' kofinanzjament għall-operazzjonijiet tal-aġenzija nazzjonali li jkun mill-inqas ekwivalenti għall-kontribuzzjoni pprovduta mill-Kummissjoni biex tappoġġa l-kompiti ta' ġestjoni tal-programm tal-aġenzija nazzjonali). Id-delegazzjonijiet ikkritikaw dawn id-dispożizzjonijiet u talbu wkoll indikazzjoni espliċita fit-test dwar l-għażla għall-awtoritajiet nazzjonali li jaħtru aktar minn aġenzija nazzjonali waħda. Bi tweġiba għal dan it-tħassib kollu, il-Presidenza pproponiet test li jinkludi deskrizzjoni aktar ċara tar-rwoli u ritorn għar-responsabbiltajiet previsti fir-Regolament attwali.

Boroż ta' studju Erasmus+ f'oqsma edukattivi strateġiċi

Bosta delegazzjonijiet qajmu tħassib u mistoqsijiet dwar din l-azzjoni l-ġdida msemmija fil-proposta: kif ser jiġu ddeterminati l-oqsma edukattivi strateġiċi, in-natura statika jew dinamika tal-azzjoni, l-impatt tagħha fuq il-baġit tal-programm, il-kamp ta' applikazzjoni tagħha (lawrji konġunti jew programmi nazzjonali) u l-implimentazzjoni (ġestjoni diretta jew indiretta) u l-livelli edukattivi kkonċernati (Qafas Ewropew tal-Kwalifiki (QEK) livelli 6, 7 u/jew 8). Il-Kummissjoni spjegat li dawn l-elementi kollha għad iridu jiġu deċiżi.

Delegazzjoni waħda qajmet ukoll tħassib dwar jekk inizjattiva bħal din tkunx konformi mat-Trattati. Filwaqt li xi delegazzjonijiet irrikonoxxew il-ħtieġa għal azzjonijiet immirati lejn in-nuqqas ta' ħiliet, il-biċċa l-kbira tad-delegazzjonijiet baqgħu xettiċi dwar l-azzjoni l-ġdida proposta wara l-ispegazzjonijiet mogħtija mill-Kummissjoni. Huma sabu wkoll li l-qafas ipprovdut mill-Kummissjoni ma kienx ċar u esprimew dubji dwar il-valur miżjud Ewropew u l-impatt potenzjali fuq il-baġit ġenerali tal-introduzzjoni ta' boroż ta' studju għal programmi sħaħ.

Atleti

Diversi delegazzjonijiet huma xettiċi dwar l-espansjoni tal-kamp ta' applikazzjoni tal-programm fir-rigward ta' din il-kategorija ġdida ta' benefiċjarji. Filwaqt li xi delegazzjonijiet huma favur l-inklużjoni tal-atleti iżda jenfasizzaw l-importanza li jiġi definit u limitat il-grupp ta' benefiċjarji potenzjali, uħud mid-delegazzjonijiet jopponu din l-espansjoni tal-kamp ta' applikazzjoni tal-programm f'dan l-istadju.

IV. KONKLUŻJONIJIET

Il-Presidenza rnexxielha twettaq eżami fil-fond tar-Regolament propost u pprovdiet żewġ testi ta' kompromess. Id-diskussjonijiet ikkontribwew b'mod sinifikanti għat-tishiġ tal-fehim komuni tal-proposta u għas-soluzzjoni tal-kwistjonijiet ewlenin fir-Regolament propost.

Filwaqt li l-Kummissjoni pprovdiet għadd ta' spjegazzjonijiet u kjarifiki dwar il-punti mqajma mid-delegazzjonijiet, għadha ferm mistennija informazzjoni bil-miktub dwar l-azzjonijiet previsti taħt kull pilastru. Barra minn hekk, ħafna delegazzjonijiet iddikjaraw il-ħtieġa għal informazzjoni addizzjonali biex tiġi żgurata l-prevedibbiltà tal-ġestjoni u esprimew tħassib serju dwar il-kunċett il-ġdid ta' assoċjazzjoni parzjali għal pajjiżi terzi.

Il-Presidenza għamlet sforzi biex tipprovi l-livell ta' dettall mitlub mid-delegazzjonijiet fir-Regolament propost, filwaqt li xorta tirrispetta l-approċċ orizzontali għall-programmi kif ippreżentat mill-Kummissjoni. Kull test ta' kompromess intlaqa' mid-delegazzjonijiet bħala pass fit-triq lejn it-tfassil ta' mandat tal-Kunsill bil-ħsieb tan-negożjati interistituzzjonali li jmiss. Madankollu huma meħtieġa aktar ħidma u diskussjonijiet tekniċi dettaljati sakemm jintlaħaq dak l-istadju.

Sommarju tal-evalwazzjoni tal-Valutazzjoni tal-Impatt

L-opinjoni tad-delegazzjonijiet dwar il-**kuntest ta' politika** kienu maqsuma: xi wħud qiesu li kien spjegat b'mod ċar, filwaqt li oħrajn enfasizzaw li l-valutazzjoni tal-impatt **iffokat wisq fuq il-baġit** u ftit wisq fuq il-politika u l-valuri tal-UE. L-ebda waħda mid-delegazzjonijiet ma esprimiet tħassib dwar **bażi legali** mhux ċara u mhux xierqa.

Ħafna delegazzjonijiet qajmu oġġezzjonijiet għad-**definizzjoni tal-problema**, bl-argument li l-valutazzjoni tal-impatt tiffoka wisq fuq il-ħiliet u s-suq tax-xogħol, u ftit wisq fuq l-għanijiet olistiċi tal-edukazzjoni. Delegazzjoni waħda ssottolinjat li għalkemm il-valutazzjoni hija preċiża u kkonfermata mill-konsultazzjonijiet pubbliċi, il-problemi mhumiex prijoritizzati fit-test u l-elementi ta' rilevanza differenti huma ttrattati b'mod ugwali.

Xi delegazzjonijiet qablu li l-**lakuna fl-evidenza** hija parzjalment rikonoxxuta fil-valutazzjoni tal-impatt. Ħafna delegazzjonijiet issottolinjaw il-ħtieġa għal aktar ċarezza dwar is-**sinerġiji** ma' programmi oħra tal-UE, bħall-Fond Soċjali Ewropew+, Orizzont Ewropa, il-Fond Ewropew għall-Kompetittività, Ewropa Diġitali jew il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali.

Għadd sinifikanti ta' delegazzjonijiet esprimew dubji dwar iċ-**ċarezza tal-metodoloġija**. Xi delegazzjonijiet żiedu li l-valutazzjoni tal-impatt tidher li tiffoka primarjament fuq l-għażla 2 (konsolidazzjoni bbażata fuq l-objettiv) meqjusa bħala l-prijorità. Għalkemm tagħti ħarsa ġenerali, l-analiżi tal-kostijiet ta' din l-għażla jonqosha data kwantitattiva u valutazzjoni tar-riskju dettaljati, u b'hekk tnaqqas it-trasparenza u l-komparabbiltà. Ikun rakkomandabbli li jiġu inklużi valuri numeriċi u analiżi tar-riskju. Delegazzjoni waħda ssottolinjat li l-eżistenza ta' qafas ta' informazzjoni metodoloġikament robust, li jkun kapaċi jadatta b'mod flessibbli għar-rekwiżiti ta' kejl tal-politiki, tikkostitwixxi kundizzjoni meħtieġa għat-tfassil ta' interventi fuq pedament sod ta' informazzjoni u evidenza empirika.

Ħafna delegazzjonijiet innotaw li l-**monitoraġġ** u l-**evalwazzjoni** futuri ma ġewx indirizzati biżżejjed, u li t-test ma għandux lista ċara u komprensiva ta' indikaturi kwantitattivi preċiżi tal-effiċjenza assoċjati ma' kull objettiv. Ħafna drabi ma hemmx metriċi standardizzati u miri numeriċi definiti biex jitkejjel l-impatt reali fit-tul tal-politiki.

Rigward l-**objettivi ta' politika**, id-delegazzjonijiet kollha qablu dwar il-valur miżjud tal-azzjoni tal-UE u esprimew sodisfazzjon kollettiv li Erasmus+ qed jiġi ppreservat bħala programm awtonomu. Il-**fużjoni mħabbra ta' Erasmus+ u l-Korp Ewropew ta' Solidarjetà** wasslet għal reazzjonijiet imħallta: xi delegazzjonijiet laqgħu l-bidla, filwaqt li oħrajn appoġġaw il-preservazzjoni tal-istatus quo jew talbu diskussjoni ddedikata dwar is-suġġett. Maġġoranza kbira ta' delegazzjonijiet esprimew tħassib dwar l-objettiv ta' **simplifikazzjoni**, filwaqt li argumentaw li kien hemm enfasi eċċessiva fuq l-arkitettura finanzjarja mingħajr ma ġie spjegat l-impatt fuq il-benefiċjarji. Il-**bidliet fil-baġit** ifissru li s-simplifikazzjoni fil-livell tal-UE tiġġenera spejjeż kbar fil-livell nazzjonali minħabba sforzi ta' ġestjoni, koordinazzjoni u monitoraġġ. Fil-qosor, għadd ta' delegazzjonijiet innotaw li l-valutazzjoni tal-impatt ma tippreżentax ħarsa ġenerali olistika lejn l-ispejjeż, iżda tippreżentahom biss minn perspettiva fil-livell tal-UE, mingħajr ma tqis biżżejjed il-livell nazzjonali. Xi delegazzjonijiet issottolinjaw li l-**kontinwità** fl-ippjanar finanzjarju hija nieqsa u jeħtieġ li tkun aktar viżibbli.

Maġġoranza kbira tad-delegazzjonijiet qajmu l-kwistjoni tal-**governanza** bħala waħda mhux kompletament ċara u mhux indirizzata speċifikament. Il-kwistjonijiet ta' finanzjament u kofinanzjament tqajmu b'mod partikolari. Il-maġġoranza tad-delegazzjonijiet indikaw in-nuqqas ta' kumitat tal-programm u talbu li dan jerġa' jiddaħħal.

Kummenti oħra li saru minn delegazzjoni waħda jew uħud minnhom jikkonċernaw nuqqasijiet fl-indirizzar tal-**impatti ambjentali**, ħtieġa għal aktar attenzjoni għall-**effetti territorjali** biex tkun tista' ssir valutazzjoni aħjar tad-distribuzzjoni tal-benefiċċji u l-ħtiġijiet ta' adattament lokali, u jargumentaw li l-analiżi hija inqas robusta mil-lat kwantitattiv fl-analiżijiet tal-**impatti fuq il-kompetittività** u l-**impatti soċjali**.

Xi delegazzjonijiet indikaw li r-reazzjoni tal-Kummissjoni għall-**opinjoni tal-Bord tal-Iskrutinju Regulatorju (RSB)** ma kinitx robusta biżżejjed, u talbu lill-Kummissjoni tispjega għaliex ma pprocessatx biżżejjed il-kummenti tal-RSB. Delegazzjonijiet oħra qablu mal-Bord tal-Iskrutinju Regulatorju li l-enfasi eċċessiva fuq l-arkitettura finanzjarja ma ħaditx kont tal-kontenut tal-politiki u l-ispeċifitàjiet tal-programmi differenti.

Diversi delegazzjonijiet indikaw li l-pożizzjoni tagħhom kienet biss preliminari.
